MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tas-27 ta' Jannar, 2011

Appell Civili Numru. 12/2010/1

**Antoinette Vella**

**vs.**

**CareMalta Limited.**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ir-rikors ta’ ritrattazzjoni ta’ CareMalta Limited datat 12 ta’ Awwissu 2010 a fol. 290 tal-process fejn Natalie Briffa Farrugia (ID 468574 M) bil-gurament tikkonferma:-

**Preliminari: Appell u Talba**

Illi l-esponenti ghandha awtorizzazzjoni tirrapprezenta lir-rikorrenti u li taf il-fatti peress illi indagat dwar l-istess bhala parti mill-kariga taghha.

Illi wara li t-Tribunal Industrijali kien ippronunzja decizjoni fit-23 ta' Frar 2010 l-intimata kienet appellat minn din is-sentenza tat-Tribunal Industrijali bl-aggravji f'dawn it-termini, cioe' illi:-

1. Il-parti dispositiva tas-sentenza tikkontjeni konsiderazzjoniijet kuntradittorji. Dan ghaliex mentri taghti raguni lill-kumpanija intimata ghall-fatt tat-tkeccija, fl-istess waqt taghti raguni wkoll lilha in kwantu l-kumpanija ma qeghdithiex f'qaghda li tiddefendi l-kaz taghha kif jixraq.

2. It-Tribunal accetta xhieda *hearsay* minflok ma ordna li jittellghu x-xhieda li setghu jitfghu dawl fuq l-akkuzi.

Illi l-appellanti talbet illi l-Qorti tiddikjara nulla d-decizjoni indikata hawn fuq u thassarha in kwantu li ddikjarat it-terminazzjoni tal-impieg da parti tal-kumpanija CareMalta Ltd saret bi ksur tal-principju tal-gustizzja naturali, iddikjarat li n-nuqqasijiet tal-esponenti [l-appellanti] kienu jaghtu lok ghal terminazzjoni tal-impieg u b'hekk id-decizjoni fiha dispozizzjonijiet konfliggenti u kontra xulxin. Konsegwentement din l-Onorabbli Qorti mitluba biex tibghat il-kaz lura biex jigi deciz skont il-ligi.

**Sentenza**

L-Onorabbli Qorti tal-Appell kienet ippronunzjat is-sentenza segwenti:-

Huwa bil-wisq car illi l-appellanti qieghda tikkontesta l-parti decizorja tas-sentenza ghal motiv li din fiha nnifisha tikkontjeni kontradizzjoni b'mod li dan jirrendi l-istess sentenza intrinsikament inidoneja. M'hemmx dubju illi fl-ipotesi ta' kuntrast, fejn dan jezisti, mhuwiex apprezzevolment possibbli li wiehed jindividwa sewwa liema wahda mill-affermazzjonijiet kontenuti fid-dispositiv tas-sentenza ghandu jkollha prevalenza. Dan huwa hekk in kwantu l-vizzju tal-kontradizzjoni jippresupponi illi r-ragunijiet imqieghda abbazi tad-decizjoni huma sostanzjalment kontrastanti b'mod li minnhom ma jkunx jista' jigi determinat bi kjarezza *r-ratio decidendi.*

Gja din il-Qorti kellha okkazzjoni tikkummenta illi "*sentenza tista' wkoll titqies difettuza jekk jinstab li din tkun tikkontjeni motivazzjoni kontradittorja, inkoerenti u illogika b'tali mod li jkun jonqos dak il-procediment logiku-guridiku mqieghed abbazi tad-decizjoni. Ara in tema s-sentenza* ***"Rose Loftus et vs Ray Mallia (Blye Engineering Co, Ltd)",*** Appell Inferjuri, 9 ta' Lulju 1999.

Aghar minn hekk hi s-sitwazzjoni fejn il-kontradittorjeta` tkun tinsab fil-parti deciziva tas-sentenza. Dan ghaliex hi dik il-parti operattiva tas-sentenza li taghmel il-gudikat (ara **Kollez. Vol. XLII P I p 287),** u dan jinnecessita li almenu din il-parti tkun intelligibbli. Huwa allura l-kompitu ta' din il-Qorti li tikkontrolla jekk l-argoment zvolt mit-Tribunal huwiex konformi ghall-kriterju tal-korrettezza guridika u tal-koerenza logika". Ara **"Middlesea Insurance pic vs Paul Caruana *et",*** Appell Inferjuri, 9 ta' Mejju 2007.

Hi l-fehma konsiderata ta' din il-Qorti fuq l-interpretazzjoni taghha tad-dispositiv tas-sentenza f'dan il-kaz illi dan tabilhaqq jikkontjeni dik il-kontradittorjeta` lamentata mill-appellanti.

Dan, partikolarment ghar-raguni illi, konsiderat fl-assjem tieghu, tezisti deficjenza objettiva tal-kriterju logiku li wassal lit-Tribunal ghall-formazzjoni tal-konvinciment tieghu, u, allura wkoll, ghar-*ratio* tas-sentenza.

Almenu ghal din il-Qorti mhux koncepibbli illi t-Tribunal isib raguni fil-kumpanija mharrka ghat-terminazzjoni tal-impjieg u, kontemporanjament, nuqqas gravi fl-istess kumpanija *in vista* tal-akkuzi generici konfrontati lill-appellanti li ma ppermettewlhiex fl-istadju pre-processwali tiddefendi ruhha kif jixraq, u dan bi ksur tal-principju ta' gustizzja naturali. Fil-fehma tal-Qorti kien jaghmel aktar sens illi, verifikata din il-qaghda, it-Tribunal kien messu hassar l-ordni tal-licenzjament biex jikkonsentixxi illi l-appellanti tigi qabel kollox akkordata t-tutela pjena tal-jeddijiet fundamentali bazici taghha. Fuq dan il-punt l-Imhallef sedenti kien issofferma fit-tul fid-decizjoni **"Austin Gonzi vs Malta Drydocks Corporation",** Prim'

Awla, Qorti Civili, 27 ta' Ottubru 2004, tant li l-enuncjazzjonijiet li saru fiha sabu, sa recentement hafna, l-adezjoni tal-Qorti tal-Appell kolleggjali in re: **"Raymond Zammit vs General Workers Union** ***et"***, 8 ta' Jannar 2010.

Dan ma kienx lanqas xi kaz izolat ghaliex din il-Qorti, kif presjeduta, irriteniet fi skorta ta' decizjonijiet taghha fuq appelli lilha minn sentenzi tat-Tribunal Industrijali illi l-addebitu dixxiplinarju li bih ikun konfrontat impjegat ghandu jikkontjeni b'mod specifiku u car l-imputazzjoni tal-fatt li bih ikun qed jigi akkuzat.

Ragonevolment dan ghandu jkun hekk biex dak l-impjegat ikollu l-opprtunita` shiha li jkun jista' jiddefendi u jiddiskolpa ruhu kontra l-addebitu tal-infrazzjoni attribwita lilu. *"Jekk xejn, ghaliex il-principju maghruf tal-korrettezza u tal-bwona fede dan jesigih; konsiderat imbaghad li trattasi minn licenzjament din l-esigenza f'sede extra-gudizzjali hi aktar imperattiva fuq min ihaddem".* Ara **"Joan Montanaro vs Baystreet Hotel Complex et**", 13 ta' Marzu 2009. Ara wkoll **"Brian Busuttil vs ST Microelectronics (Malta) Ltd",** 27 ta' Marzu 2009.

Il-konkluzjoni li tinzel minn dan dedott ma tistax hlief tkun dik illi gjaladarba, kif mill-istess Tribunal ikkonfermat, l-appellanti ma nghatatx akkuza preciza biex setghet titqieghed in grad li tiddefendi ruhha kif imiss, u gjaladabra wkoll, kif wisq korrettement rilevat ukoll mit-Tribunal, tali kien jikkostitwixxi ksur tal-principju tal-kontradittorju u tas-smigh xieraq, il-konsegwenza disposittiva l-izjed naturali u logika kellha tkun dik li dan kien jikkostitwixxi *"unfairness"* mal-appellanti li ma setax jigi injorat, u, anzi kellu jigi mhares u attwat skont il-principju tal-legalita` u tal-kuntratt ta' impjieg. Ara f'sens konformi s-sentenza ta' din il-Qorti fl-ismijiet **"Carmel Schembri vs Enemalta Corporation",** 1 ta' Novembru. 2006.

Jikkonsegwi illi l-gustizzja u l-principji su-affermati kellhom jiddettaw illi qabel ma t-Tribunal jghaddi ghall-analisi tal-mertu tal-licenzjament jassikura, fuq l-accertament minnu stess ravvizat, illi qabel xejn l-appellanti tigi mqieghda fl-

istat *ante quo* d-decizjoni mill-kumpanija tat-terminazzjoni tal-impjieg taghha b'mod li tkun tista' tigi rinfaccjata kif imiss bl-akkuza specifika tal-inadempiment taghha ghall-ahjar kontestazzjoni preventiva da parti taghha u tad-difiza kompleta.

Taht dan il-profil il-Qorti tikkonkorda pjenament mal-appellanti illi l-parti dispositiva tikkontjeni kontradittorjeta` insanabbli u dan igib li s-sentenza ghandha titwarrab u sostitwita bil-provvediment infraskritt.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed takkolji l-ewwel gravam tal-appellanti, tannulla s-sentenza appellata, u tordna li l-istess appellanti ghandha titqieghed fl-istat *ante quo* l-licenzjament taghha b'mod li jkunu tutelati kif jixraq id-drittijiet taghha fil-konfront tal-infrazzjonijiet addebitati lilha mill-kumpanija appellata.

**Aggravji**

Illi l-aggravji relattiv ghal dawn il-proceduri ta' ritrattazzjoni huma kif ser jinghad, cioe:-

**a)** Illi permezz ta' din is-sentenza, fl-umli fhema tar-rikorrenti, l-Onor. Qorti tal-Appell marret *oltre* dak mitlub minnha, peress illi t-talbiet appellant kienu biex il-Qorti semplicement, jekk takkorda l-appell, "tibghat il-kaz lura biex jigi deciz skont il-ligi" u mhux li thassar it-tkeccija jew li tpoggi lill-appellant fl-istat *ante quo.* **(Art 811 (f) u (g) Kap 12).**

**b)** illi *oltre* dan, l-Onorabbli Qorti applikat hazin il-ligi meta kuntrarju ghal dak provdut fil-**Kap 452** iddecediet illi l-appellanti ghandha titqieghed fl-istat *ante quo* u dan meta l-istess **Kap 452 fl-Art. 81 (1) (b)** jipprovdi bic-car u minghajr ekwivoku illi biex impjegat jerga' jidhol fl-impieg tieghu jew jerga' jigi impjegat mill-principal irid ikun hemm talba specifika fir-riferta jew fid-dikjarazzjoni tal-kaz, liema talba qatt ma giet maghmula u allura konsegwentament ma setghetx tigi milqugha. **(Art 811(e) Kap 12).**

In konnessjoni mal-paragrafu precedenti, bhala fatt, l-**Art 81 tal-Kap 452** ikompli billi jghid illi meta min jaghmel l-ilment ikun impjegat f'dik il-kariga amministrattiva jew ezekuttiva li tehtieg fiducja specjali fil-persuna tad-detentur ta' dik il-kariga jew fil-hila tieghu li jaqdi d-dmirijiet tagha, it-Tribunal m'ghandux jordna li min jaghmel l-ilment jerga' jidhol jew jerga' jigi impjegat. Is-Sinjura Antoinette Vella kienet tokkupa l-ghola kariga possibbli, u cioe dik ta' Home Manager.

**c)** Illi *oltre* dan u minghajr pregudizzju ghal kull dritt spettanti lir-rikorrenti fil-kuntest ta' smigh xieraq, meta l-Onor. Qorti ddecidiet kif iddecidiet ma hallhietx opportunita` xierqa lir-rikorrenti li jittrattaw il-punt *de quo,* cioe' dwar jekk l-appellanti setghetx tigi impoggija fl-istat *ante quo* kif ipprendiet il-Qorti. **(Dritt generali ta' smigh xieraq)**

**Talba Odjerna**

Ghal dawn il-motivi l-esponenti titlob bir-rispett li din l-Onorabbli Qorti joghgobha fl-ewwel lok tilqa' dan ir-rikors u thassar u tirrevoka s-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell fil-kawza fl-ismijiet premessi fil-21 ta' Mejju 2010 u tordna illi l-appell interpost mill-intimata Antoinette Vella jigi trattat mill-gdid taht dawk il-provvedimenti xierqa u opportuni li joghgobha taghti din l-Onorabbli Qorti.

Rat ir-risposta ta' Antoinette Vella ghar-rikors ta' ritrattazzjoni ta' CareMalta Limited datata 27 ta' Awwissu 2010 a fol. 296 tal-process fejn esponiet:-

Illi din hija risposta ghal rikors guramentat intavolat mill-intimata CareMalta Limited li fih hija talbet ir-ritrattazzjoni ta' sentenza ta' din l-Onorabbli Qorti moghtija fil-21 ta' Mejju 2010. Fil-proceduri msemmija din l-Onorabbli Qorti ddecidiet illi ladarba l-esponenti ma nghatatx akkuza preciza biex setghet titqieghed in grad li tiddefendi ruhha kif imiss, u dan kien jikkostitwixxi ksur tal-principju tal-kontradittorju u tas-smigh xieraq, *"il-konsegwenza dispositTiva l-izjed naturali u logika kellha tkun dik li dan kien jikkostitwixxi "unfairness" mal-appellanti li ma setax*

*jigi injorat, u, anzi kellu jigi mhares u attwat skont il-principju tal-legalita` u tal-kuntratt ta' impjieg."*

Preliminarjament, l-esponenti tissolleva n-nullita` tat-talba ghal ritrattazzjoni maghmula minn CareMalta Limited:

1. peress li ma saritx bl-att gudizzjarju msemmi fil-**Kapitolu 12** ("f'qorti tal-ewwel grad, ghandha ssir b'rikors guramentat, u quddiem il-qorti fi grad ta' appell, b'rikors" (**artikolu 815 tal-Kap 12**)).

2. peress li ma gietxipprezentata garanzija ghall-ispejjez flimkien mal-prezentata" ("flimkien mal-prezentata tar-rikors, ghandha tinghata l-garanzija ghall-ispejjez skont l-**artikolu 249**".

Illi l-**artikolu 811 tal-Kap 12** jipprovdi li t-talba ghal ritrattazzjoni fi stadju ta' appell ghandha ssir permezz ta' **rikors** u mhux permezz ta' rikors mahluf, u din id-distinzjoni tinsab fil-ligi stess u ghalhekk ma tistax tigi injorata, u dan apparti l-kwistjoni tan-nuqqas ta' garanzija ghall-ispejjez.

Illi l-**artikolu 811 tal-Kap 12** jipprovdi espressament illi r-rikors ta' ritrattazzjoni ghandu jkun akkompanjat **b'garanzija ghall-ispejjez.** Is-socjeta` CareMalta Limited naqset li tottempera ruhha ma' dan il-rekwisit procedurali, u ghalhekk ghazlet li tadotta erronjament l-att gudizzjarju tar-rikors mahluf sabiex tevita li jkollha taghti, dak il-hin tal-prezentata, garanzija ghall-ispejjez kif provdut tassattivament. Ghalhekk, ir-rikors mahluf huwa irritu u null.

Illi subordinatament u minghajr pregudizzju, it-talba ghal ritrattazzjoni tal-kaz fi grad ta' appell hija insostenibbli legalment u fattwalment.

<u>In-natura tal-procedura ta' ritrattazzjoni</u>

Illi din l-Onorabbli Qorti ghandha zzomm quddiem ghajnejha x'inhuma l-binarji tal-procedura ta' ritrattazzjoni, procedura illi l-Qrati taghna dejjem qiesu bhala wahda

straordinarja: (**Salvino Testaferrata Moroni Vieni et vs David Vella noe, Qorti tal-Appell** (Superjuri), 24 ta' Settembru 2004, fejn hemm riferenza ghal sentenzi ohra).

*"Anzi, fil-verita` l-Qrati* taghna *dejjem ammonew illi ma ghandux jigi konsentit illi taht il-pretest tar-ritrattazzjoni l-litigant sokkombent jerga' jiftah il-kawza berah, u b'hekk jigi ndirettament krejat tribunal tat-tielet istanza." (*Vol. XLII, PI, p.227 ikkwotat f'**Commonwealth Educational Society Limited vs. Adriana Camilleri**, Qorti tal-Appell (Inferjuri), 2 ta' Gunju 2003).

Illi hu owju ghalhekk illi CareMalta Limited qed tipprova tikkrea ghaliha nfisha t-tielet istanza.

Ghall-istess ragunijiet:-

*"kompatibbilment mal-interessi tal-gustizzja maz-zewg nahat, il-limiti tar-ritrattazzjoni jigu arginati ghal dawk tassattivament indikati mil-ligi."* (**Dottor Paul Mallia noe vs Vincenza xebba Camilleri**, Appell Civili, 2 ta' Lulju 1975, ikkwotat fis-sentenza **Michael Cutajar vs Roberta Muscat**, Qorti tal-Appell (Inferjuri), 12 ta' Mejju 2003. Ara wkoll **Yates vs Aquilina**, Qorti tal-Appell (Superjuri), 16 ta' Frar 2004).

Illi fid-dawl tas-suespost, l-esponenti tissottometti bir-rispett illi din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex terga' tezamina l-meritu mill-gdid, hlief, limitatament, sabiex tezamina jekk jissussittux ragunijiet ghal ritrattazzjoni tal-kawza strettament taht is-subincizi kkwotati mir-rikorrenti bhala bazi ghal ritrattazzjoni. - .

Illi dejjem gie ritenut ukoll illi l-process ta' ritrattazzjoni ghandu zewg fazijiet: dak *"in rescindente",* cioe` fejn il-Qorti tara jekk hemmx lok li s-sentenza rittattata tithassar, u dak *"in rescissorio"* u cioe` fejn il-Qorti tiddeciedi hija stess il-meritu tal-kawza *wara li tkun thassret is-sentenza ritrattata.* (**Joseph M. Formosa noe vs Carol Peralta noe**, Qorti tal-Appell, 6 ta' Ottubru 2000*).* L-ewwel li jrid jigi sorvolat huwa l-istadju *"in rescindente":*

*“Fl-istadju ... in rescindente l-Qorti kellha biss tezamina jekk kienux jezistu jew le ragunijiet fil-ligi biex tigi milqugha t-talba biex is-sentenza impunjata tigi annullata. Hu ghalhekk li f’dan l-istadju l-Qorti ma kellhiex u m’ghandhiex tinoltra ruhha f’indagini dwar l-aggravju fil-meritu li mmotiva t-talba ghal ritrattazzjoni. .... Kellha biss tillimita ruhha biex tistabbilixxi jekk kienx hemm dawk ir-ragunijiet precizi dedotti mit-ritrattand li kellhom jinkwadraw ruhhom fil-parametri stretti li l-ligi stess timponi.”*

Ghalhekk, l-esponenti ser taghmel is-sottomissjonijiet taghha fuq il-kaz prezenti fid-dawl tal-principji hawn fuq esposti.

Illi l-iter s’issa huwa li l-esponenti attakkat b’success id-decizjoni tat-Tribunal Industrijali minhabba li l-parti dispositiva tad-decizjoni kienet tikkontjeni konsiderazzjonijiet kontradittorji. Dan ghaliex mentri taghti ragun lill-kumpanija ghall-fatt tat-tkeccija, fl-istess waqt taghti ragun ukoll lill-impjegata in kwantu l-kumpanija ma qeghdithiex f’qaghda li tiddefendi l-kaz taghha kif jixraq. Kif tista’ impjegata titkecca meta l-kumpanija ma hallithiex tiddefendi ruhha sewwa?

Kien proprju ghalhekk illi din l-Onorabbli Qorti, fuq appell mill-impjegata, laqghet l-ewwel gravam taghha, annullat is-sentenza appellata u ordnat li l-esponenti ghandha titqieghed fl-istat *ante quo* il-licenzjament taghha b’mod li jkunu tutelati kif jixraq id-drittijiet taghha fil-konfront tal-infrazzjonijiet addebitati lilha mill-kumpanija appellata.

Issa l-kumpanija, li ma tridx tbaxxi rasha ghad-decizjoni gusta u korrettissima ta’ din l-Onorabbli Qorti, ittentat tressaq talba ghal ritrattazzjoni.

<u>L-ewwel raguni migjuba</u>

L-ewwel gravam tal-kumpanija huwa illi “l-*Onorabbli Qorti tal-Appell marret oltre dak mitlub minnha, peress illi t-talbiet appellant kienu biex il-Qorti semplicement, jekk takkorda l-appell, “tibghat il-kaz lura biex jigi deciz skont il-*

*ligi" u mhux li thassar it-tkeccija jew li tpoggi lill-appellanti fl-istat ante quo."*

Illi dan l-ewwel gravam huwa manifestament infondat ghaliex, sabiex jigi sodisfatt ir-rekwizit fil-ligi dwar l-appelli, jkun bizzejjed jekk il-parti telliefa titlob it-thassir tas-sentenza. Dment li jkun intalab it-thassir jew ir-revoka tas-sentenza, ikun jispetta lill-Qorti tal-Appell tiddetermina hi kif ghandha tiddisponi mill-appell interpost. Ladarba din l-Onorabbli Qorti hasset u esprimiet il-fehma illi gew miksura l-"principju tal-kontradittorju u tas-smigh xieraq", u kien hemm *"unfairness",* sewwa ghamlet li poggiet lill-esponenti fil-posizzjoni *ante quo* il-licenzjament taghha, li kien jilledi l-principju tal-legalita` u l-kuntratt ta' impjieg.

Illi huwa car li l-Onorabbli Qorti tal-Appell sabet li l-kregolarita` fil-licenzjament ma kenitx fl-istadju biss tal-proceduri quddiem it-Tribunal Industrijali, izda kien jirrisali ghall-mument tat-tkeccija. Il-kumpanija, minghajr lanqas ma hargitilha akkuza preciza ("l-appellanti ma nghatatx akkuza preciza biex setghet titqieghed in grad li tiddefendi ruhha kif imiss"), giet imkeccija sommarjament u bla opportunita` li tiddefendi u tiddiskolpa ruhha. Proprju minhekk f'hekk, din l-Onorabbli Qorti hasset li ghandha tregga' l-arlogg lura ghall-mument qabel ma l-appellanti giet imkeccija. Ma kienx ikun bizzejjed kieku semplicement regghet baghtitha lura quddiem it-Trbunal Industrijali *b'fait accompli!*

Ghalhekk, mhux il-kaz li l-kumpanija takkuza lil din l-Onorabbli Qorti li *"marret oltre dak mitlub minnha",* aktar u aktar ghaliex fir-rikors tal-appell l-esponenti tikkontesta kategorikament it-tkeccija nflitta minghajr gustifikazzjoni u minghajr opportunita` ta' difiza legittima. Konsegwentement, dan l-ewwel gravam ghandu jigi, fl-umili fhema tal-esponenti, michud.

<u>It-tieni raguni migjuba</u>

It-tieni gravam tal-kumpanija jghid li din l-Onorabbli Qorti "applikat hazin il-ligi meta kuntrarju ghal dak provdut fil-**Kap 452** iddecidiet illi l-appellanti ghandha titqieghed fl-

istat *ante quo.* Ghandu jinghad minn issa illi l-kumpanija imkien ma spjegat liema artikolu gie “applikat hazin” u wisq inqas issemmi *“il-ligi illi messha giet applikata”* kif jirrikjedi specifikament l-**artikolu 816 tal-Kap 12**. Fuq hekk biss, dan il-gravam ma jistax jigi kkonsiderat *oltre*, ghaliex l-element mehtieg mil-ligi stess hu nieqes.

Illi l-applikabbilta` tal-**artikolu 811 (e)** hija arginata bi *proviso* importanti:-

*“Ghall-finijiet ta’ dan il-paragrafu, jitqies li kien hemm applikazzjoni hazina tal-ligi, fil-kaz biss li d-decizjoni, meta l-fatt kien tassew kif stabbilit fis-sentenza attakkata, ma tkunx skont il-ligi, basta li l-kwistjoni ma tkunx dwar interpretazzjoni ta’ ligi, li fuqha l-Qorti tkun espressament tat decizjoni.”*

Illi dan il-*proviso* gie kemm-il darba citat u spjegat mill-Qrati taghna. Per ezempju, fis-sentenza **Testaferrata Moroni Viani vs Vella noe** (24 ta’ Settembru 2004), din l-Onorabbli Qorti osservat kif gej:-

*“Fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell fil-kawza **George Xuereb vs Dorothy Xuereb**, deciza fl-20 ta’ Jannar 1992, gie nbadit illi: “Jista’ jkun hemm biss lok ghal ntrattazzjoni ghalhekk taht is-**subinciz (e),** jekk, fuq dawk il-fatti kif jirrizultaw ippruvati, il-Qorti (tkun) applikat artikolu tal-ligi flok iehor li kellu jkun proprjament applikat.”*

Huwa, infatti, ghalhekk li l-**artikolu 816 tal-Kap 12**, meta jispecifika x’ghandu jkun fih l-att promotorju ta’ ritrattazzjoni bazat fuq dan is-subinciz, jghid espressament li meta r-raguni ghar-ritrattazzjoni hija l-applikazzjoni hazina tal-ligi *“l-attur ghandu jsemmi l-ligi li kien imissha giet applikata.”*

Fil-kawza **Carmelo Busuttil vs Mary Gauci et** deciza fl-24 ta’ Jannar 1997, din il-Qorti (diversmanet komposta) qalet hekk:-

*“Hu ormai pacifiku li biex il-Qorti tiddeciedi jekk ikunx hemm jew le applikazzjoni hazina tal-ligi ghal fini ta’*

*ritrattazzjoni ma ghandhomx jergghu jigu ezaminati u evalwati l-fatti tal-kawza u ma jistghux dawn jergghu jigu interpretati. ... Hemm applikazzjoni hazina tal-ligi fit-termini ta' dan is-subinciz mhux meta jkun hemm mterpretazzjoni hazina tal-ligi applikabbli ghall-fatti, imma biss meta ma tkunx giet applikata l-ligi gusta ghal dawk il-fatti."*

Minn dan premess, huwa car illi jkun hemm lok ghal ritrattazzjoni fuq dan il-motiv ikun jidher li l-Qorti applikat disposizzjoni tal-ligi minflok disposizzjoni ohra li kellha proprjament tigi applikata. Fil-kaz prezenti, minn dan kollu ma hemm assolutament xejn, ghaliex il-kumpanija naqset li tindika liema disposizzjoni tal-ligi din l-Onorabbli Qorti naqset milli tapplika u kellha proprjament tigi applikata.

Illi ghalkemm il-kumpanija tghid li m'hemmx talba specifika lit-Tribunal, fil-fatt mhux hekk, ghaliex l-esponenti talbet li t-tkeccija taghha tigi mhassra u li jigi dikjarat li t-tkeccija kienet ingusta. Il-konsegwenza naturali ta' dan kollu hi li meta tigi effettivament imhassra t-tkeccija, hi ssib ruhha awtomatikament lura fil-posizzjoni qabel il-licenzjament. Din l-Onorabbli Qorti ghamlet dan kollu car bl-ghazla tal-kelmiet "*ante quo* l-licenzjament taghha", li kien l-ghan ewlieni tal-esponenti meta hija ressqet il-kaz taghha quddiem it-Tribunal Industrijali.

Kwantu ghall-fatt li l-esponenti kienet tokkupa "l-ghola kariga possibbli" u cioe` dik ta' Manager fiz-Zejtun Home, il-kumpanija kellha tara dawn l-affarijiet qabel ma keccietha bl-akbar mod sommarju immaginabbli, episodju li dam sejjer hames minuti, konversazzjoni li c-Chief Executive Officer ta' CareMalta Ltd, Alex Tranter, kellu mal-esponenti fejn akkuzaha u keccieha bhal lehha ta' berqa u minghajr *due process.* Meta din l-Onorabbli Qorti rat il-leggerezza li biha giet imkeccija minghajr *due process,* ghamlet haga li hi "l-izjed naturali u logika" tenut kont li *"dan kien jikkostitwixxi "unfairness" mal-appellanti li ma setax jigi injorat" u ordnat li titqieghed lura fil-mument ta' qabel il-*licenzjament biex tkun tista' tirrispondi u tiddefendi ruhha sewwa, haga li l-kumpanija manifestament naqset li tirrispetta. Dan hu l-principju ta'

*status quo ante* applikat bl-aktar mod korrett. Konsegwentement, anke dan it-tieni gravam huwa nsostenibbli u inaccettabbli".

It-tielet raguni migjuba .

It-tielet gravam imressaq mill-kumpanija huwa rritwali, lanqas biss jissemma' fost ir-ragunijiet elenkati fl-**artikolu 811**, u ghalhekk lanqas biss jista' jigi kkunsiderat (ara **artikolu 813 tal-Kap 12**).

Fuq kwistjonijiet li jrrigwardaw id-dritt ghal smigh xieraq ("dritt generali" jew mhux), il-legislatur ipprovda binarji ohra, u cioe` il-**Kapitolu 319** jew addirittura l-Kostituzzjoni ta' Malta.

Dan kollu qed jinghad minghajr pregudizzju ghas-sottomissjoni preliminari tal-esponenti fuq in-nullita` tat-talba ghal ritrattazzjoni minhabba li ma ntuzax l-att promotorju stabbilit li ghandu jintuza fl-**artikolu 815 tal-Kap 12** kif ukoll peress li, mal-prezentata, ma gietx ipprezentata garanzija ghall-ispejjez kif inhu rikjest '*ad validatatem'*. L-esponenti titlob li r-rikors jigi dikjarat irritu u null ghaliex nieqes minn element essenzjali ghal prezentata shiha u skont il-ligi. Sussudjarjament u minghajr pregudizzju, it-talba ghandha tigi respinta ghaliex ma jezistux fis-sewwa r-ragunijiet imsemmija tassattivament mil-ligi sabiex tintlaqa' talba ghal ritrattazzjoni.

Rat il-verbal tas-seduta tal-15 ta' Settembru 2010 mizmuma quddiem din il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onor Mhallef Philip Sciberras fejn iddikjara li peress illi l-iMhallef sedenti diga` ppronunzja ruhu fuq il-mertu tal-kaz, il-Qorti rat l-**artiklolu 734 tal-Kap 12**, astjeniet milli tiehu konjizzjoni tal-kawza tar-ritrattazzjoni u baghtet l-atti lura lir-Registratur biex dan jassenjah lill-iMhallef iehor. Il-Qorti b'hekk ordnat il-kancellament ta' dan l-appell minn fuq il-lista tal-appelli taghha.

Rat is-surroga datata 30 ta' Settembru 2010 u li din ir-ritrattazzjoni giet riappuntata ghas-smigh ghall-11 ta' Novembru 2010.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma quddiem din il-Qorti kif hekk presjeduta tal-11 ta' Novembru 2010 fejn meta ssejjah l-appell deher Dr. Tonio Azzopardi ghar-ritrattata prezenti. L-appellanti u d-difensuri tieghu Dr. Andrew Borg Cardona u Dr. Charlotte Camilleri msejha diversi drabi baqghu ma dehrux. Dr. Tonio Azzopardi tratta l-kaz. L-appell gie differit ghas-sentenza ghas-27 ta' Jannar 2011.

Rat ix-xhieda kollha hemm moghtija.

Rat l-atti kollha pprezentati mill-partijiet u d-digrieti relattivi.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

Illi din hija procedura ta' ritrattazzjoni a bazi tal-**artikolu 811 (f) (g) u (e) tal-Kap. 12** fejn l-istess socjeta' ritrattandi qed targumenta li bid-decizjoni ta' din il-Qorti diversament presjeduta fl-ismijiet premessi datata 21 ta' Mejju 2010 (Appell 12/10) ghandha jkun hemm ritrattazzjoni ghaliex bid-decizjoni taghha li thassar is-sentenza tat-Tribunal Industrijali u fejn ordnat li *"l-istess appellanti ghandha titqieghed fl-istat ante quo l-licenzjament taghha b'mod li jkunu tutelati kif jixraq id-drittijiet taghha fil-konfront ta; infrazzjonijiet addebitati lilha mill-kumpanija appellata....."* u allura (1) skont ir-rittrattand la darba t-talba kienet sabiex *"il-Qorti tibghat il-kaz lura biex jigi deciz skont il-ligi"* mela hawn japplikaw id-disposizzjonijiet tal-**artikolu 811 (f) u (g) tal-Kap. 12** rispettivament fis-sens li s-sentenza giet moghtija fuq haga mhux imdahhla fit-talba, u s-sentenza tat izjed minn dak mitlub; (2) giet applikata l-ligi hazin ghaliex tali parti diposittiva tas-sentenza tmur specifikatament kontra dak ordnat fl-artikolu 81 (1) (b) tal-Kap. 452 fis-sens li sabiex impjegat jerga jinghata l-

impjieg tieghu lura irid ikun hemm talba specifika fir-riferta jew fid-dikjarazzjoni tal-kaz, liema talba ma gietx maghmula, u dan apparti li dan lanqas jista' jsir meta si tratta ta' kariga amministrattiva jew ezekuttiva, bhal mar-ritrattand qed tghid li huwa l-kaz odjern u ghalhekk hawn japplikaw id-disposizzjonijiet tal-**artikolu 811 (e) tal-Kap. 12;** (c) u fl-ahharnett li bil-mod kif il-Qorti tal-Appell iddeciediet hija ma hallietx opportunita' lill-appellati li jittrattaw jekk fil-fatt l-appellanti setghetx tigi mpoggija fl-istat *ante quo* in virtu` tad-dritt generali ta' smigh xieraq.

Illi fl-ewwel lok jinghad li kif gie riaffermat fis-sentenza **"Tug Malta Limited vs S. Mifsud and Sons Ltd"** (A.I.C. (RCP) – 26 ta' Novembru 2009) *"il-procedura ta' ritrattazjoni ……………………..u r-rimedju tar-ritrattazzjoni huwa wiehed straordinarju inkwantu jikkostitwixxi deroga ghall-principju fondamentali li l-gudikat jikkostiwixxi l-ligi bejn il-kontendenti u dan indipendentement mill-fatt jekk dak il-gudikat jirrispekkjax kompletament il-verita` jew il-gustizzja. Ir-Rumani kienu jesprimu dan il-kuncett bil-massma "res iudicata pro veritate habetur". Minn dan titnissel il-konsegwenza taghha li r-regoli li jirregolaw dan l-istitut tar-ritrattazzjoni huma ta' interpretazzjoni strettissima* ***("Salvino Testaferrata Moroni Viani et vs David Vella nomine"*** *– A.C. 24 ta' Settembru 2004);* ***"George Xeureb vs Dorothy Xeureb"*** *– A.C. 20 ta' Jannar 2002;* ***"Mildred Ferando vs Loris Bianchi proprio et nomine"*** *– A.I.C. (PS) – 12 ta' Mejju 2003);* ***"Rev. Sac. Don Giuseppe Aquilina vs Francesco Aquilina"*** *– A.C. 18 ta' April 1958 – Vol. XLII.227;* ***"Mary Rota et vs Mary Camilleri et"*** *– P.A. (GV) – 30 ta' Marzu 2001). Diversament, taht il-pretest tar-ritrattazzjoni il-litigant sokkombent ikun jista' jerga' jiftah il-kawza u b'hekk indirettament johloq ghalih tribunal tat-tielet istanza li mhux permess mil-ligi. Illi f'dan is-sens huma s-sentenzi* ***"Bencini vs Zammit Pace"*** *(Koll. Vol LXXX – II – 391) u* ***"Causon vs Portelli"*** *(Koll. Vol. LXXX-II-464). Ir-rimedju tar-ritrattazzjoni, ghalhekk, huwa rimedju straordinarju li jidderoga ghall-principju ta' l-irrevokabilita` tal-gudikati, u b'hekk ma jammettiex interpretazzjoni estensiva".*

Illi f'dan il-kuntest din il-Qorti sejra tmur l-ewwel ghal dak indikat fir-rikors guramentat promotur ta' din il-pendenza bl-ittra (c) u allura l-ahhar ilment imqajjem mir-ritrattand u tinnota li tali ilment ma jaqa, (u lanqas gie indikat li jaqa') taht l-ebda disposizzjoni tal-**artikolu 811 tal-Kap. 12** u allura tenut kont ta' dak provdut fl-**artikolu 813 tal-Kap. 12** li ma tistax tintalab ritrattazzjoni hlief ghal xi wahda mir-ragunijiet imsemmija fl-**artikolu 811,** mela allura t-tielet gravam huwa rritwali u bla ebda fondament guridiku. B'hekk din it-tielet talba hekk imressqa mir-ritrattandi qed tigi michuda.

Illi dwar l-ewwel gravam maghmul skont id-disposizzjonijiet tal-**artikolu 811 (f) u (g) tal-Kap. 12** fis-sens fuq espost jinghad li la darba l-istess Qorti tal-Appell sostniet u ri-affermat li bil-mod kif giet imkeccija r-ritrattata dan kien jikser id-dritt taghha ta' smigh xieraq ghaliex hija ma inghatatx qatt akkuza preciza b'mod li setghet tiddefendi ruhha minnha, mela allura l-konsegwenza naturali ta' din kienet biss li allura hija titqieghed fil-posizzjoni li kienet qabel ma nharget tali akkuza, b'mod allura li tinhareg akkuza konformi mad-dettami tal-ligi u l-principji ta' gustizzja naturali.

Illi b'din id-*decide* din il-Qorti thoss li bl-ebda mod ma inghatat decizjoni li tmur oltre dak mitlub u dan ghaliex dak deciz jaqa' fil-parametri ta' dak mitlub li l-kaz jintbghat lura biex jigi deciz skont il-ligi. La darba fil-kaz in ezami gie individwat li l-akkuza li fil-fatt harget poggiet lir-ritrattata f'posizzjoni li ma setghetx tiddefendi ruhha, huwa naturali li dak li ordnat il-Qorti huwa li dak jigi qabel kollox addrizzat, ghaliex jekk ma jsirx dan allura xorta wahda kien ser ikun hemm infrazzjoni tad-drittijiet tar-ritrattata. F'dan il-kuntest din il-Qorti taqbel ma' dak sottomess mir-ritrattata fir-risposta taghha dwar *"L-ewwel raguni migjuba"* (pagna 4 tal-istess a fol. 299 tal-process). B'hekk fil-mertu dan il-gravam in kwantu ibbazat fuq l-**artikolu 811 (f) tal-Kap. 12** qed jigi michud ukoll.

Illi dwar it-tieni parti tal-gravam fejn allura jidher li r-ritrattand qed isostni li s-sentenza pprovdiet ghal izjed minn dak mitlub, din il-Qorti ghal darba tteni li dan mhux il-

kaz ghaliex certament, tenut kont tal-fattispecie tal-kaz, dak deciz jaqa' fil-parametri ta' dak mitlub, u verament u attwalment il-kaz intbaghat lura sabiex jigi deciz skont il-ligi. Ghalhekk u fil-mertu dan l-aggravju marbut mal-**artikolu 811 (g)** qed jigi wkoll michud ghaliex huwa nfondat fil-fatt u fid-dritt fid-dawl ta' dak hawn deciz.

Illi dwar it-tieni aggravju bbazat fuq l-**artikolu 811 (e) tal-Kap. 12** jidher qabel xejn li bil-mod kif impostata din il-procedura mir-ritrattandi ma jirrizultax li din taderixxi mal-*proviso* tal-istess artikolu fis-sens li ma jirrizultax li l-Qorti applikat artikolu tal-ligi flok iehor li kellu jigi proprjament applikat **"George Xuereb vs Dorothy Xuereb"** (A.C. – 20 ta' Jannar 2002). F'dan il-kaz jidher car li r-ritrattand naqas li jindika l-artikolu li gie applikat fis-sentenza mpunjata u dak li kellu jigi applikat **("Carmelo Busuttil vs Mary Gauci et"** – A.C – 24 ta' Jannar 1997). Fi kliem iehor sabiex tirnexxi l-bazi ta' ritrattazzjoni fuq dan il-binarju jrid jigi ppruvat li l-Qorti applikat il-ligi hazina u mhux il-ligi tajba b'mod hazin u hawn issir riferenza ghal dak li inghad fis-sentenzi **"Philip Amato Gauci et vs Angelo Agius"** (A.I.C. - 24 ta' Novembru 2003) u fil-kaz **"Joseph Difesa vs L-Awtorita` ta' Malta Dwar l-Ambjent u L-Ippjanar"** (A.I.C. - 6 ta' April 2005); u **"F. Advertising Limited vs Francis Gauci"** (A.I.C. (RCP) – 25 ta' Frar 2010). F'dan il-kaz ma jirrizultax li l-Qorti applikat disposizzjoni tal-ligi minflok ohra li kellha proprjament tigi applikata, izda applikat il-ligi proprja applikabbli ghall-kaz in ezami – il-fatt li jidher li r-ritrattand ma qablitx mal-mod kif l-istess ligi giet applikata u interpretata ma jaqax fil-parametri ta' kawzali ta' ritrattazzjoni taht id-disposizzjoni tal-**artikolu 811 (e) tal-Kap. 12.**

Illi minbarra dan jinghad li jidher car li l-istess sentenza bl-ebda mod ma marret kontra xi disposizzjonijiet tal-**artikolu 81 (1) (b) tal-Kap. 452,** u dan peress li kull ma ghamlet l-istess Qorti tal-Appell huwa li pprovdiet ghar-rimedju ghal- lanjanzi li hija sabet sahanistra fl-akkuza li saret fil-konfront tar-ritrattata, u ghalhekk sabiex taghti rimedju ghall-istess pprovdiet li r-ritrattata titpogga fil-posizzjoni li kienet qabel ma nharget l-akkuza mpunjata;

dan bl-ebda mod ma jmur kontra d-disposizzjoni tal-ligi citata mir-ritrattandi u l-applikazzjoni tal-principju ta' *"status quo ante"* fil-kuntest ta' dak li nstab fid-decizjoni hawn impunjata bl-ebda mod ma jmur kontra d-disposizzjonijiet citati mir-ritrattand, anke ghaliex il-Qorti llimitat ruhha sabiex taghti rimedju ghal dak li kien sar hazin bil-hrug tal-akkuza kontra r-ritrattata. Sa hemm waslet l-istess sentenza. B'hekk din il-Qorti thoss li dan il-gravam in kwantu bbazat fuq l-**artikolu 811 (e) tal-Kap. 12** huwa wkoll infondat fil-fatt u fid-dritt u qed jigi michud.

Illi dwar il-punti procedurali li tqajjmu mir-ritrattata abbazi tal-artikolu 815 tal-Kap.12 jinghad li din il-procedura quddiem din il-Qorti tal-Appell kellha ssir permezz ta' rikors u mhux rikors guramentat, u dan kif specifikatament jipprovdi l-istess artikolu hawn appena msemmi; jirrizulta wkoll li mat-talba ghar-ritrattazzjoni ma gietx ipprezentata garanzija ghall-ispejjez skont id-disposizzjoni tal-artikolu 249 tal-Kap. 12, u la darba l-imsemmi artikolu 815 jipprovdi li din "ghandha" tinghata mal-prezentata mar-rikors, din il-Qorti thoss li tali rekwizit huwa mandatorju, u fin-nuqqas ta' osservanza tal-istess dan iwassal ghan-nullita' tal-istess procedura. Ghalhekk anke fuq din il-bazi t-talba tar-ritrattandi qed tigi michuda.

Illi ghalhekk it-talbiet tas-socjeta' ritrattandi qed jigu michuda.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tilqa' r-risposta tar-ritrattata datata 27 ta' Awwissu 2010 biss in kwantu l-istess hija konsistenti ma' dak hawn deciz, **tichad ir-rikors** tas-socjeta' ritrattandi datat 12 ta' Awwissu 2010 ghar-ritrattazzjoni u ghas-smigh mill-gdid tal-kawza fl-ismijiet **"Antoinette Vella vs CareMalta Limited"** mghotija fil-21 ta' Mejju 2010 mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) ghar-ragunijiet hawn decizi.

Bl-ispejjez kontra l-istess socjeta' ritrattandi CareMalta Limited.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------